MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 203/2011

**A B**

**vs.**

**C D, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u b'digriet tal-21 ta' Lulju 2011 C D giet nominata bhala Kuratur Deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri E B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-esponenti kien mizzewweg lill-konvenuta C D sakemm dawn isseparaw nhar id-9 ta' Marzu 2011 skond kif jidher mill-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom [illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**];

2. Illi l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2009 meta effettivament il-konvenuta D telqet mid-dar matrimonjali sabiex marret tghix ma' ragel illi mieghu kienet qieghda tintrattjeni relazzjoni adultera;

3. Illi nhar il-11 ta' Frar 2011, u cioe` qabel ma gie konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn l-esponenti u l-konvenuta C D, l-istess C D (dak iz-zmien B) welldet tifla, illi nghatat l-isem ta' E;

4. Illi l-imsemmija minuri E giet registrata fl-Att tat-Twelid bhala bint l-attur ai termini ta' l-**Artikolu 68** tal-**Kodici Civili**. Kopja originali ta' l-imsemmi Att tat-Twelid, qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. B**];

5. Illi sussegwentement, saru t-testijiet ta' DNA relattivi ghall-minuri E maghrufa bil-kunjom B, u jirrizulta mir-Rapport Relattiv datat 20 ta' April 2011, u redatt minn Marisa Cassar, *Laboratory and Technical Manager* fi hdan MLS B*io*DNA Limited, illi l-possibilita` illi l-esponenti huwa l-missier biologiku ta' E maghrufa bil-kunjom B, hija totalment inezistenti. Kopja tar-Rapport redatt minn Marisa Cassar qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. C**;

6. Illi ghaldaqstant l-esponenti jrid illi l-imsemmija minuri E maghrufa bil-kunjom B, ma tibqax maghrufa bhala bintu, stante illi kjarament, dan mhux il-kaz;

7. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;

**B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

8. Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B ma hijiex bint l-attur, u tordna illi ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid relattiv, stante illi jirrizulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita` bejn l-attur u l-imsemmija minuri;

Talab in vista ta’ dak kollu fuq premess li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Previa kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opera, occorrendo, ta’ periti nominandi, tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B ma hijiex bint l-attur;

2. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 802/2011 jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti “*Taghrif Dwar Missier It-Tarbija*”, isem u kunjom l-attur, il-professjoni, l-eta` u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqghod, u dwar missier l-attur, b’mod illi t-tarbija E maghrufa bil-kunjom B, tigi ddikjarata bint missier mhux maghruf, jew bint terza persuna illi tista’ talvolta tirrizulta, u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jigu mhassra l-kliem *“the father”*, billi jigi ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi jigu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi l-konvenuta C D baqghet kontumaci;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illli preliminarjament trattasi minn kawża ta’ *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mineħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 802/2011;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' C D ipprezentata fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2011 li biha ammettiet l-atti tal-kawza;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA ipprezentat mill-attur mar-rikors guramentat illi jinsab esebit bhala Dok C a fol 16 u 17 tal-process. Dan ir-rapport gie redatt mill-Professur Dr Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-affidavit ipprezentat mill-attur;

Ikkunsidrat :

**L-Azzjoni :**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B mhijiex bint l-attur u konsegwentement tordna illi issir il-korrezzjoni necessarja fl-att tat-twelid relattiv fis-sens illi l-Qorti tordna illi l-att tat-twelid numru 802/2011 jigi korrett fis-sens illi jigu imnehhija mill-kolonni rigwardanti *"Taghrif*

*Dwar Missier it-Tarbija"*, isem u kunjom l-attur, l-professjoni, l-eta u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqghod u dwar missier l-attur, b'mod illi t-tarbija E maghrufa bil-kunjom B, tigi dikjarata bint missier mhux maghruf, jew bint terza persuna illi tista' talvolta tirrizulta, u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jigu mhassra il-kliem **"***the father"*, billi jigi ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

**Il-Fatti :**

Illi effettivament l-attrici, kif diga intqal, ipprezentat nota ta' ammissjoni waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2011 u iddikjarat illi taderixxi mar-rapport mediku esebit a fol. 16 u 17 tal-process.

Illi irrizulta wkoll illi ghall-habta ta' Gunju 2009 inqata kull kuntatt bejn l-attur u il-konvenuta C D illi telqet mid-dar matrimonjali u marret toqghod ma ragel illi kellha relazzjoni mieghu. Ghalhekk il-partijiet ilhom separati de facto minn Gunju 2009. Il-minuri E B twieldet fil-11 ta' Frar 2011.

Illi t-tezi attrici issib konfort principalment mill-ammissjoni tal-konvenuta C D kif ukoll mir-rapport xjentifiku tad-DNA illi jikkonferma illi l-attur mhuwiex il-missier bijologiku ta' E B; dan premess u ikkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma illi t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu milqugha.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi r-rikorrenti jehtieglu jipprova li jissodisfa ta' lanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat illi l-attur ipprova a sodisfazzjon tal-Qorti illi fiz-zmien imsemmi fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 huwa kien mifrud de facto minn martu, li fiz-zmien in kwistjoni kienet qeghda tabita ma terza persuna. Inoltre kif diga intqal fir-rapport xjentifiku tad-DNA l-attur mhuwiex il-

missier naturali ta' E B. Inoltre, il-konvenuta ammettiet it-talbiet kollha attrici.

Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, izda tilqa it-tielet eccezzjoni tieghu u tordna illi jigu imnehhija il-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 802/2011.

**Decide :**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi previa regett tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-minuri E maghrufa bil-kunjom B ma hiex bint l-attur. Tordna illi l-Att tat-Twelid numru 802/2011 jigi korrett fis-sens illi jigu imnehhija mill-kolonni rigwardanti *"Taghrif Dwar Missier it-Tarbija"*, isem u kunjom l-attur, l-professjoni, l-eta u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqghod u dwar missier l-attur, b'mod illi t-tarbija E maghrufa bil-kunjom B, tigi dikjarata bint missier mhux maghruf u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jigu mhassra il-kliem **"***the father"*, billi jigi ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet, u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva. Inoltre il-Qorti tordna illi jigu imnehhija il-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 802/2011. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------